32000D0505

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Lulju 2000

li temenda l-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitaju ta', u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' tjur u bajd tat-tfaqqis u li temenda d-Deċiżjoni 96/482/KE li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem u ċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni ta' tjur u bajd tat-tfaqqis minbarra dawk ta' l-għasafar li ma jtirux u l-bajd tagħhom minn pajjiżi terzi li jinkludu l-miżuri tas-saħħa tal-bhejjem li għandhom jiġu applikati wara din l-importazzjoni

(innotifikata permezz tad-dokument numru C(2000) 2261)

(Test b'rilevanza ŻEE)

(2000/505/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, tat-tjur u tal-bajd tat-tfaqqis ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/90/KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(1), 24 u 26 (2), 27a u 34 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq bhejjem li jidħlu fil-Komunità u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ([3]), kif l-aħħar emendati bid-Direttiva 96/43/KE ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/482/KE ([5]), kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 1999/549/KE ([6]), tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem u ċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni tat-tjur u tal-bajd tat-tfaqqis minbarra ta' għasafar li ma jtirux u l-bajd tagħhom minn pajjiżi terzi li jinkludu l-miżuri tas-saħħa tal-bhejjem li għandhom ikunu applikati wara din l-importazzjoni

(2) Meqjusa l-esperjenza miksuba matul l-applikazzjoni tal-miżuri li hemm provvediment dwarhom, il-kondizzjonijiet li permezz tagħhom, flieles ta' ġurnata li joriġinaw minn bajd tat-tfaqqis li kienu ġew importati minn pajjiżi terzi jkunu kkommerċjalizzati fil-Komunita, għandhom ikunu mmodifikati. Il-modifika għandha tippermetti lill-Istati Membri sabiex jibagħtu flieles ta' ġurnata lejn oqsma li jkunu jinsabu fi Stat Membru ieħor filwaqt li jassiguraw li jitwettaq l-iżolament ta' wara l-importazzjoni.

(3) Huwa għalhekk meħtieġ li l-mudell taċ-ċertifikat ikun emendat kif stabbilit fl-Anness IV tad-Direttiva 90/539/KEE u d-Deċiżjoni 96/482/KE kif xieraq.

(4) Huwa meħtieġ li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' dispaċċ tinforma lill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni finali tal-flieles ta' ġurnata permezz tas-sistema Animo bil-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-animali li jikkonċernaw il-perjodu ta' l-iżolament li għandu jkun applikat f'dawn il-każi.

(5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mudell 2 ta' l-Anness IV tad-Direttiva 90/539/KEE huwa b'dan mibdul bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Fl-Artikolu 3 il-paragrafu 1 tad-Deċiżjoni 96/482/KE it-test li ġej huwa miżjud:

"Jekk il-flieles ta' ġurnata ma humiex imkabbra fl-istess Stat Membru li jkun importa l-bajd tat-tfaqqis, dawn għandhom ikunu ttrasportati direttament lejn u għandhom jinżammu fil-qasam tad-destinazzjoni li hemm referenza dwaru fil-punt 9.2, fil-mudell 2 taċ-ċertifikat dwar is-saħħa ta' l-annimali ta' l-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE għal perjodu ta' mill-anqas tliet ġimgħat mill-ġurnata ta' tfaqqis."

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal kunsinni ta' flieles ta' ġurnata iċċertifikati sa mill-1 ta' Ottubru 2000.

([1]) ĠU L 303, ta' l-31.10.1990, p. 6.
([2]) ĠU L 300, tat-23.11.1999, p. 19.
([3]) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 56
([4]) ĠU L 162, ta' l-1.7.1996, p. 1.
([5]) ĠU L 196, tas-7.8.1996, p. 13
([6]) ĠU L 209, tas-7.8.1999, p. 36.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

MUDELL 2

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TA' L-ANNIMALI

għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' flieles ta' ġurnata

1. Fornitur (isem u ndirizz shih):	**ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TA' L-ANNIMALI** Nru. Oriġinali
2. Destinatarju (isem u ndirizz shih): — bidu: — finali:	3. Stat Membru tal-kunsinna: 4. Jekk ġejjin minn bajd tat-tfaqqis importat: (1) (4) 4.1. Pajjiż ta' l-oriġini: 4.2. Nru taċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali li jakkompanjhom:
5. Post tat-tagħbija:	6.1. AWTORITÀ KOMPETENTI (Ministeru): 6.2. AWTORITÀ KOMPETENTI (Livell lokali):
7. Mezz tat-trasport: (2)	8.1. Indirizz ta' l-istabbiliment(i), fejn imfaqqsa: 8.2. Numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbiliment:
9.1. Stat Membru tad-destinazzjoni: 9.2. Destinazzjoni finali (isem u ndirizz shih tal-qasam destinatarju):	10.1. Speċi tat-tjur: 10.2. Kategorija: Razza pura/nanniet/ġenituri/tiġieġ tal-bajd/oħrajn: (1) 10.3. Data ta' meta ġew imfaqqsa:
11. Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-kunsinna (li jinkludu xi siġill tal-kontenitur numri):	12. Kwantità (fi kliem u figuri): 12.1. Numru ta' annimali: 12.2. Numru ta' kaxex jew gaġeġ:
Noti: a) ċertifikat separat għandu jkun ipprovdut għal kull kunsinna ta' flieles ta' ġurnata.	b) L-oriġinal taċ-ċertifikat għandu jakkompanja l-kunsinna sad-destinazzjoni finali tagħha.

13. Jiena, l-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-flieles ta' ġurnata deskritti hawn fuq huma konformi jew

a) mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6, 8 u 15 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE; (1) jew

b) jekk ġejjin minn bajd tat-tfaqqis importat bi qbil mal-ħtiġiet tal-Mudell B tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/482/KE, mad-disposizzjoni ta' l-Artikolu 6(1) u ta' l-Artikolu 8(b) u (ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE; (1) (4)

c) (ċertifikazzjonijiet addizzjonali dwar l-Artikolu 12, 13 u 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE).

Maghmul ..... , nhar il- .....

timbru (3)

.....
(firma tal-veterinarju uffiċċjali) (3)

.....
(isem b'ittri kapitali, kwalifiki u titolu)

(1) Hassar ir-referenza mhux meħtieġa.
(2) Uri l-mezz tat-trasport u l-marki tar-reġistrazzjoni, jew l-isem irreġistrat, skond kif ikun addattat.
(3) Timbru u firma f'kulur differenti minn dak ta' l-istampar.
(4) F'dawk il-każi meta l-flieles ta' ġurnata jkunu ġejjin minn bajd importat minn pajjiż terz il-perjodu ta' l-iżolament fil-qasam tad-destinazzjoni għandu jkun irrispettat kif mistenni fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/482/KE. L-awtorità kompetenti tad- destinazzjoni finali ta' flieles ta' ġurnata għandha tiġi infurmata permezz tas-sistema ANIMO b' din il-ħtieġa.